Kelma tal-Ħajja

DIĊEMBRU 2023
ĦARĠA 12

movimento tal-fokolari

www.focolaremalta.org

# "Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù! (1 *Ts* 5, 16-18).

San Pawl kiteb din l-ittra meta ħafna minn dawk li għexu fi żmien Ġesù kienu għadhom ħajjin, kienu raw b'għajnejhom it-traġedja ta' mewtu u baqgħu mistagħġba bl-Irxoxt u t-Tlugħ tiegħu fis-Sema. Kienu għadhom jiftakru minn fejn għadda u kienu jistennewh jerġa' lura fosthom. San Pawl kien iħobbha ħafna lil din il-komunità ta' Tessalonika u kien jara fiha eżempju tal-mod kif wieħed għandu jgħix u jagħti xhieda li tħalli l-frott. Talabhom bil-ħerqa biex din l-ittra tinqara lil kulħadd (5, 27) u ħeġġiġhom biex jibqgħu "jimitaw lilu u lill-Mulej" (1, 6). Għalhekk qalilhom:

**"Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù.**

San Pawl iħeġġiġhom biex mhux biss jaraw x'irid Alla minnhom, imma wkoll biex jagħmlu dan il-ħin kollu, dejjem, bla waqfien.

Iżda, ngħiduha kif inhi, jista' xi ħadd jordnalna nkunu ferħana? Kulħadd jaf kemm ngħaddu minn problemi u nkwiet f'ħajjitna, kemm niltaqgħu ma' tbatija u qtigħ il-qalb, kemm insibu tfixkil fis-soċjetà li ngħixu fiha. Iżda San Pawl jagħti raġuni l-għala rridu nkunu dejjem "ferħana", kif qed jgħid hawn. Hu qed ikellem lill-Insara u qed iħeġġiġhom jgħixu l-ħajja Nisranija b'serjetà kbira biex hekk Ġesù jkun jista' jgħix fihom b'dik il-milja li wiegħed wara l-Irxoxt. Xi drabi nistgħu ngħaddu minn din l-esperjenza: Hu jgħix f'min iħobb u kulħadd jista' jaqbad it-triq tal-imħabba billi jiċħad lilu nnifsu, iħobb lil ħutu bla ma jistenna xejn lura, jilqa' l-għajnuna ta' ħbiebu, u jibqa' fiduċjuż li "l-imħabba tegħleb kollox"[1].

**"Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù.**

Meta nitkellmu ma' nies ta' twemmin differenti, nistgħu naraw aktar ċar kif it-talb hu parti intima mill-ħajja tagħna ta' bnedmin; it-talb jibni l-bniedem u jerfgħu 'l fuq.

Issa kif nistgħu nitolbu bla waqfien? It-teologu Ortodoss Evdokimov jikteb hekk: "... mhux biżżejjed li jkollna mumenti ta' talb, ir-regoli u d-drawwa li nitolbu. Ħajjitna trid tkun talba ħajja. Ħajjitna rridu nagħmluha liturġija, nibdlu ċ-ċirkustanzi tal-ħajja f'talba kontinwa"[2].

Filwaqt li Chiara Lubich tisħaq li: "nistgħu nħobbu (lil Alla) ta' wlied li aħna, b'qalbna mimlija bl-Ispirtu s-Santu, bl-imħabba u l-kunfidenza f'Missierna li hu fis-smewwiet: b'dik il-kunfidenza li biha sikwit induru lejH u nitkellmu miegħu, ngħidulu minn

**“Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f’kollox.
Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù.**

x’hiex inkunu għaddejjin, kif ukoll l-għanijiet u l-proġetti ta’ ħajjitna. [3]

Imbagħad insibu mod kif kulħadd jista’ jitlob il-ħin kollu: billi qabel kull azzjoni nieqfu ftit u nuru l-intenzjoni tagħna lil Alla u ngħidulu: “Ara, din qed nagħmilha għalik”. Din hi drawwa sempliċi li tibdel dak kollu li nagħmlu, tibdel ukoll ħajjitna kollha biex hekk hija ssir talba kontinwa.

Iżżu ħajr lil Alla l-ħin kollu. Din hi attitudni li tinbet minn qalbna meta nuru ħajr lejn Min, fis-skiet, isostni u jimxi ma’ kull bniedem, mal-ġnus, mal-istorja tagħhom u mal-ħolqien kollu. B’ħajr ukoll lejn dawk li jimxu magħna fil-ħajja ta’ kuljum u jwassluna biex nintebħu li aħna limitati u li waħidna m’aħna xejn.

Irridu nifirħu, nitolbu u niżżu ħajr. Dawn huma tliet azzjonijiet li jressquna biex inkunu kif Alla jarana u jridna nkunu, ħalli nsaħħu r-rabta tagħna miegħU. Bil-fiduċja li “Alla tas-sliem iqaddisna f’kollox”[4].

B’hekk inħejju ruħna biex ngħixu kif imiss il-ferħ tal-Milied ħalli nagħtu sehemna għal dinja aħjar, biex innisslu s-sliem ġewwa fina, fi djarna, fil-postijiet tax-xogħol u fil-pjazez. Illum m’hemm xejn aktar meħtieġ u urġenti minn dan.

**VICTORIA GÓMEZ U
T-TEAM TAL-KELMA TAL-ĦAJJA**

1. P. Vergilius Maro/Virgilio/Virgil, Ecloga X.69; tista’ tisma’ l-mużika tal- Gen Rosso: https://music.apple.com/es/album/lamore-vince-tutto-single/1595294067
2. P. Evdokimov, It-Talba ta’ Ġesù, fil-ktieb *La novità dello Spirito*, Ed. Ancora, *Milano 1997*.
3. C. Lubich, *Conversazioni*, Città Nuova, Ruma 2019, pġ. 552.
4. Ara 1 *Ts* 5, 23.

# Christmas Open House

## 15 December 2023, 6.30pm onwards.
## Focolare, Kappara.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, ‘Stellaelise’, Triq il-Ħuttaf, Kappara SGN4333
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**